

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Mejju 2007 — Wauthier u Deveen vs Il-Kummissjoni(Kawża T-164/04) ⁽¹⁾**(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport ta' żvilupp tal-karriera — Eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2001/2002 — Rikors manifestament inammissibbli u manifestament nieqes minn kull bażi fid-dritt”)**

(2007/C 170/51)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Patricia Wauthier (Tubize, il-Belġju) u Viviane Deveen (Overijse, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment G. Bounéou u F. Frabetti, wara F. Frabetti, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament, prinċipalment, ta' l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2001/2002, għal dak li jirrigwarda r-rikorrenzi, u b'mod sussidjarju, tar-rapporti ta' żvilupp tal-karriera tar-rikorrenzi għal dan l-eżerċizzju.

Dispożittiv tad-Digriet

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u, għall-bqija, bħala manifestament nieqes minn kull bażi fid-dritt.
- 2) Ir-rikorrenzi għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 190 ta l-24.7.2004.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Mejju 2007 — Gnemmi vs Il-Kummissjoni(Kawża T-199/05) ⁽¹⁾**(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport ta' żvilupp tal-karriera — Eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2003 — Rikors manifestament inammissibbli u manifestament nieqes minn kull bażi fid-dritt”)**

(2007/C 170/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Laura Gnemmi (Arona, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment G. Bounéou u F. Frabetti, wara F. Frabetti, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Berscheid u M. Velardo, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament, prinċipalment, ta' l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2003, għal dak li jirrigwarda r-rikorrenzi, u b'mod sussidjarju, tar-rapport ta' żvilupp tal-karriera tar-rikorrenzi għal dan l-eżerċizzju.

Dispożittiv tad-Digriet

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u, għall-bqija, bħala manifestament nieqes minn kull bażi fid-dritt.
- 2) Ir-rikorrenzi għandha tbatu l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 193 tas-6.8.2005.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Mejju 2007 — L-Italja vs Il-Kummissjoni(Kawża T-335/06) ⁽¹⁾**(Rekwiżiti ta' saħħa — Suq Taljan tal-laħam tat-tjur — Nuqqas tal-Kummissjoni milli tieħu miżuri eċċezzjonali sabiex tnaqqas il-konsegwenzi ta' l-epidemija ta' l-influenza avjarja — Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Teħid ta' pożizzjoni li tteħem in-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni — Nuqqas ta' motiv li tteħed deċiżjoni)**

(2007/C 170/53)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentant: G. Aiello, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: C. Cattabriga, aġent)

Suġġett tal-kawża

Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni, ibbażat fuq l-Artikolu 232 KE u intiż sabiex jiġi kkonstatat illi l-Kummissjoni naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tat-tjur (ĠU L 282, p.77), billi naqset milli tadotta miżuri eċċezzjonali ta' sostenn tas-suq fis-settur tal-laħam tat-tjur, bħala kumpens għall-produtturi ta' flieles ta' ġurnata milquta mill-miżuri veterinarji meħuda sabiex jitnaqqas l-konsegwenzi ta' l-influenza avjarja u li jirrestrinġu l-moviment matul il-perijodu minn Diċembru 1999 sa Settembru 2003.